



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14740/21

COPS 462
CIVCOM 177
POLMIL 227
CFSP/PESC 1204
CSDP/PSDC 643
RELEX 1067
JAI 1359

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14674/21 COPS 454 CIVCOM 174 POLMIL 221 CFSP/PESC 1193 CSDP/PSDC 635 RELEX 1049 JAI 1339
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, kif adottati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-13 ta' Diċembru 2021.

**KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL
DWAR IL-PATT DWAR ID-DIMENSJONI ĊIVILI TAL-PSDK**

1. Il-Kunsill jenfasizza l-kontribut ewlieni tal-missjonijiet ċivili kollha tal-PSDK għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali bħala għodda importanti fil-qafas tal-Approċċ Integrat tal-UE għall-konflitti u l-kriżijiet esterni u jesprimi l-gratitudni tiegħu lejn in-nisa u l-irġiel li jservu f'dawn il-missjonijiet. Il-Kunsill ifakkar li s-saħħa unika tal-Unjoni Ewropea fil-maniġġar u l-prevenzjoni tal-kriżijiet tinsab fil-kapaċità tagħha li tiskjera sett wiesa' ta' assi u kapaċitajiet militari u ċivili. F'dan ir-rigward, huwa jenfasizza l-hteġa li jissaħħu s-sinerġiji bejn is-sigurtà interna u esterna, bejn is-sigurtà u l-iżvilupp, kif ukoll bejn id-dimensjonijiet ċivili u militari tal-PSDK.
2. Il-Kunsill ifakkar fl-adozzjoni tiegħu tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, flimkien mar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, f'Novembru 2018, u jafferma mill-ġdid l-impenn sħiħ tiegħu biex il-PSDK ċivili ssir aktar kapaċi, aktar effettiva, flessibbli u reattiva, kif ukoll aktar magħquda.
3. Il-Kunsill jenfasizza li l-prijoritajiet ta' Feira rigward il-pulizija, l-istat tad-dritt u l-amministrazzjoni ċivili kif ukoll ir-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà u l-kompiti ta' monitoraġġ, huma fil-qofol tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK tal-UE. Ambjent ta' sigurtà li qed jevolvi jeħtieġ proċess ta' rendikont u riflessjoni regolari biex jiġi żgurat li l-mandati tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK jibqgħu adatti għall-iskop tagħhom. Il-Kunsill itenni wkoll il-kontribut ewlieni tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK għar-rispons usa' tal-UE fl-indirizzar tal-isfidi tas-sigurtà, inkluż dawk marbuta mal-migrazzjoni irregolari, it-theddid ibridu, iċ-ċibersigurtà, it-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, il-kriminalità organizzata, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà marittima, kif ukoll il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti. Jenfasizza wkoll il-hteġa li jiżdiedu l-isforzi inkluż l-iżvilupp ta' għarfien espert fejn adatt biex jiġi ppreservat u protett il-wirt kulturali, f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Approċċ tal-UE għall-Wirt Kulturali f'Konflitti u Kriżijiet.

4. Il-Kunsill ifakkar fil-kontribut tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-pajjiżi sħab. Jissottolinja l-importanza ta' sjieda lokali, u ta' impenn u involviment fil-PSDK ċivili, u li l-benefiċċju għall-pajjiż ospitanti għandu jkun element importanti tal-attivitajiet tal-missjonijiet.
5. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza li jissaħħu l-għarfien tas-sitwazzjoni, il-kapaċitajiet analitiċi u r-reżiljenza tal-missjonijiet, kif ukoll li jiġi indirizzat it-theddid ibridu inkluż id-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni. Jappella wkoll biex jittieħed kont tat-theddid u l-isfidi għas-sigurtà, inkluż dawk relatati mat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-effetti tad-diġitalizzazzjoni fuq is-sigurtà Ewropea u jissottolinja l-importanza tal-innovazzjoni teknoloġika għall-PSDK ċivili. Il-Kunsill jinkoraġġixxi t-tkomplija tal-bini fuq għodod u strumenti eżistenti tal-UE fejn possibbli.
6. Il-Kunsill ifaħħar il-progress ġenerali pożittiv fl-implimentazzjoni tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, kemm fil-livell nazzjonali mill-Istati Membri kif ukoll fil-livell tal-UE mis-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni. Hekk kif il-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK jidħol fl-aħħar sena kalendarja sħiħa tiegħu ta' implimentazzjoni, il-Kunsill itenni l-importanza li kollettivament tiġi żgurata implimentazzjoni sħiħa u koerenti tal-impenji kollha fil-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK mill-aktar fis possibbli, sa mhux aktar tard mill-bidu tas-sajf tal-2023.
7. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-impenn qawwi mill-partijiet interessati kollha matul il-Konferenza ta' Rieżami Annwali tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK (ARC), li saret fid-19 ta' Novembru 2021, biex il-Patt jitwettaq bis-sħiħ. Il-Kunsill jilqa' l-punti direzzjonali ssuġġeriti għall-2022 li jirrikonoxxu l-konnessjonijiet trażversali bejn l-oqsma differenti tal-Patt u jiggwidaw it-triq 'il quddiem għas-sena li ġejja inkluż b'mod partikolari iżda mhumiex eżawrjenti:

- a) L-Istati Membri jkomplu jimplimentaw b'mod attiv il-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali tagħhom inkluż permezz ta' skambju informali tal-esperjenzi u t-tagħlimiet meħuda, bil-ħsieb li jkomplu jżidu l-kontributi tagħhom għall-PSDK ċivili u l-għadd ta' esperti sekondati fil-missjonijiet. Strutturi u faċilitajiet nazzjonali jew multinazzjonali, fost l-oħrajn iċ-Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza għall-Maniġġar Ċivili ta' Kriżijiet, jistgħu jipprovdu appoġġ lill-Istati Membri kif adatt f'komplementarjetà sħiħa mal-istrutturi eżistenti tal-UE, u b'appoġġ għalihom;
- b) Is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni ser jappoġġaw fejn adatt lill-Istati Membri fil-ħidma tagħhom biex jiżviluppaw u jipprovdu l-kapaċitajiet, il-mezzi u l-kompetenzi meħtieġa biex l-Unjoni twettaq il-firxa sħiħa ta' missjonijiet ċivili tal-PSDK. Is-sistemi ta' maniġġar tar-riżorsi umani tal-missjonijiet ser jissaħħu aktar, inkluż, fost l-oħrajn, permezz tar-rieżami tal-politika u l-proċeduri ta' reklutaġġ tal-PSDK għall-missjonijiet, l-għoti ta' taħriġ adatt, il-promozzjoni ta' ambjent tax-xogħol aktar favorevoli billi jiġu eżaminati l-opzjonijiet kollha għall-ħolqien possibbli ta' politika aktar inklużiva għall-familji għal missjonijiet b'riskju baxx sa medju, u r-rieżami tal-Kodiċi ta' Kondotta u Dixxiplina f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, kif ukoll l-iżgurar tal-applikazzjoni effettiva tiegħu;
- c) Is-SEAE ser jappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni u r-reviżjoni possibbli tal-Politika tal-UE dwar it-Taħriġ għall-PSDK, filwaqt li jiżgura l-użu sħiħ tal-faċilitajiet ta' taħriġ nazzjonali billi jaġġorna l-linji gwida ta' implimentazzjoni u jniedi l-Programm ta' Taħriġ konġunt ċivili-militari tal-PSDK matul l-2022, li ser ifittex li jiżgura taħriġ aktar effettiv u rilevanti għall-PSDK, inkluż taħriġ tal-lingwi rilevanti, u jissodisfa l-prijoritajiet u r-rekwiżiti identifikati. Abbażi tal-proċess ta' Analiżi tal-Ħtiġijiet tat-Taħriġ li nbda f'Marzu 2020, l-appoġġ ser jikkonsisti fil-kondiviżjoni ta' prattiki tajba, l-għoti ta' pariri dwar l-evitar tad-duplikazzjonijiet, l-indirizzar tal-lakuni u l-għoti ta' suġġerimenti għall-prijoritizzazzjoni. Għandu jiġi segwit approċċ aktar standardizzat għat-taħriġ permezz tal-Grupp ta' Taħriġ Ċivili tal-UE. Il-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża jista' jkun assoċjat, kif xieraq;

- d) L-Istati Membri, is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni ser jaħdmu favur PSDK ċivili aktar effettiva, flessibbli u reattiva bl-użu tal-mezzi kollha disponibbli bħall-iżvilupp ta' metodoloġija ta' ppjanar operazzjonali, il-Kapaċità Bażika ta' Rispons, il-Maħżen Strateġiku, it-Timijiet Speċjalizzati u l-Esperti Esterni. Ser jiġu proposti modalitajiet possibbli għall-evalwazzjoni tal-impatt operazzjonali tal-missjonijiet, b'kont meħud tal-isforzi preċedenti rilevanti;
- e) L-Istati Membri, is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni jipprovdu integrazzjoni aktar fil-fond u sistematika tal-perspettiva tal-ġeneri u l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-attivitajiet kollha u jippromwovu b'mod attiv iż-żieda fir-rappreżentanza u l-parteeipazzjoni tan-nisa fil-PSDK fil-livelli kollha, b'mod partikolari f'pożizzjonijiet ta' tmexxija, inkluż permezz ta' inizjattivi li jiffaċilitaw il-parteeipazzjoni tagħhom, filwaqt li jittieħed kont kompletament tal-UNSCR 1325 dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u riżoluzzjonijiet sussegwenti;
- f) L-Istati Membri, is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni ser jippreżentaw proposti konkreti dwar l-implimentazzjoni u s-segwitu ta' approċċ aktar integrat, bl-użu tal-firxa wiesgħa ta' politiki u strumenti tal-Unjoni, filwaqt li jmorru lil hinn mill-konsultazzjoni reċiproka u l-iskambju ta' informazzjoni attwali, filwaqt li jistinkaw għal aktar komplementarjetà u sinerġiji ma', fost l-oħrajn, l-ipprogrammar tal-Kummissjoni tal-assistenza għall-iżvilupp, azzjonijiet oħra tal-UE u tal-Istati Membri u filwaqt li jitqiesu proġetti pilota fuq il-post;
- g) L-isforzi jkomplu jsaħħu s-sinerġiji u l-komplementarjetà bejn id-dimensjoni ċivili u dik militari tal-PSDK, filwaqt li jirrispettaw ir-rwoli u n-natura distintivi tagħhom, il-linji ta' kmand u reklutaġġ u l-ġenerazzjoni tal-forza, inkluż permezz ta' aktar koordinazzjoni u kooperazzjoni tal-istrutturi ta' kmand tal-PSDK kemm fil-livell strateġiku bħaċ-Ċellula Konġunta ta' Koordinazzjoni fil-qasam tal-Appoġġ, kif ukoll fuq il-post;
- h) L-Istati Membri, is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni jrawmu kooperazzjoni u sinerġiji aktar mill-qrib ta' tisħiħ reċiproku bejn il-PSDK ċivili, l-atturi tal-ĠAI (inkluż il-ministeri rilevanti, l-aġenziji governattivi u l-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill), kif ukoll mas-servizzi tal-Kummissjoni u l-aġenziji tal-ĠAI, f'konformità mal-mandati legali rispettivi tagħhom. Dan jitwettaq fost l-oħrajn permezz ta' sensibilizzazzjoni u tisħiħ

tal-għarfien espert relatat mal-ĠAI fi ħdan l-istrutturi rilevanti tal-PSDK filwaqt li jitqiesu wkoll l-isforzi li għaddejjin fil-qasam tas-sigurtà interna permezz ta' proġetti tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT). Is-sjieda politika tal-kooperazzjoni bejn il-PSDK u l-ĠAI tista' tiġi appoġġata ulterjorment u jista' jiġi kkunsidrat ukoll appoġġ politiku addizzjonali biex titkompla l-ħidma;

- i) Għandhom jintużaw minikunċetti bħala kontribut għall-ippjanar strateġiku u operazzjonali, filwaqt li jitqiesu t-tagħlimiet meħuda f'missjonijiet ċivili tal-PSDK u li jikkontribwixxu għall-isforzi biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-sigurtà msemmija hawn fuq. Għandhom isiru laqgħat konġunti bejn il-Gruppi ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill, inkluż biex jiġu diskussi l-minikunċetti li fadal;
- j) L-isforzi jintensifikaw biex jissaħħu s-sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku dwar kwistjonijiet komuni ta' politika u standards, inkluż fost l-oħrajn l-iżvilupp tal-kapaċità ċivili, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi sħab rilevanti li jikkondividu l-valuri u l-oġettivi tal-UE, b'rispett sħiħ tal-qafas istituzzjonali tal-Unjoni. Il-kooperazzjoni ma' Stati Terzi ser tiġi appoġġata ulterjorment, kif ukoll il-kontribut tagħhom għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK skont il-każ, f'konformità mal-prinċipji u l-proċeduri maqbula tal-UE;
- k) L-Istati Membri u s-SEAE ser ikomplu jsaħħu l-viżibbiltà tal-PSDK ċivili biex joħlqu sensibilizzazzjoni dwar il-valur miżjud tal-ħidma mwettqa minn missjonijiet ċivili tal-PSDK u jinkiseb appoġġ kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali inkluż fost l-awtoritajiet nazzjonali, bħall-parlamenti, il-ministeri kompetenti u l-aġenziji rilevanti u s-soċjetà ċivili. F'dan ir-rigward, il-missjonijiet għandhom ikomplu jiżviluppaw il-komunikazzjoni strateġika tagħhom.

8. Il-Kunsill jappella lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jimplimentaw il-punti direzzjonali tas-sena d-dieħla, kif ukoll l-impenji kollha li fadal taħt il-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' aġġornamenti regolari u diskussjonijiet ta' livell għoli biex jitqies il-progress li sar u tiżdied il-viżibbiltà tal-PSDK ċivili.
9. Il-Kunsill ifakkar li l-Boxxla Strateġika ser tkompli tiggwida l-livell ta' ambizzjoni kif ukoll tiddefinixxi orjentazzjonijiet ta' politika u għanijiet u objettivi speċifiċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, inkluż għall-PSDK ċivili, li jirriflettu r-rwol li għandu fis-sett ta' għodod ta' Sigurtà u Difiża tal-UE. Ladarba jintlaħaq qbil dwar il-Boxxla Strateġika, l-Istati Membri, is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni ser jibdew riflessjonijiet strateġiċi dwar it-triq 'il quddiem fir-rigward tal-PSDK ċivili.
